KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

### *Laqgħa Numru Sebgha u Sittin (67)*

***L-Erbgha, 15 ta' Marzu, 2017***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
Il-VICI SINDKU EMANUEL VASSALLO
IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER KEITH FENECH
IL-KUNSILLIERA MARIANNE SCHEMBRI

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

***Il-Laqgħa tal-Kunsill bdiet fis-5.30pm***

**67.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

67.1.1 Ma tressqu l-ebda ittri ta' apologiji

**67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

67.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Annwali li nzammet nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017, il-Minuti tal-Laqgha Numru 65 li nzammet nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017 kif ukoll il-Minuti tal-Laqgha Numru 66 (kontinwazzjoni) li nzammet nhar il-Hamis 24 ta' Frar 2017.

67.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Annwali, il-Minuti tal-Laqgha Numru 65 kif ukoll il-Minuti tal-Laqgha Numru 66 (kontinwazzjoni) tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

67.2.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Annwali. Il-Minuti tal-Laqgha Annwali gew approvati unanimament.

67.2.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 65. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 65 gew approvati unanimament.

67.2.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 66 (kontinwazzjoni). Il-Minuti tal-Laqgha Numru 66 (kontinwazzjoni) gew approvati unanimament.

**67.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 67/2017 –Frar 2017 – Marzu 2017***

67.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 67-2017 biċ-ċekkijiet numru 5542 sa 5585 li tammonta €36,557.63

67.3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet dwar cheque Numru 5578. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li l-kuntrattur Ronald Bezzina intalab sabiex igorr l-barriers tal-Karnival, wara li s-sena l-ohra kien intalab jaghmel l-istess haga, fejn l-ispiza tas-sena l-ohra kienet ta' €50 filwaqt li ta' din is-sena ammontat €300. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li ta' dan is-servizz ghandu jhallas €100.

67.3.3 Għaldaqstant is-Sindku ressaq il-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-ammont ta' €36,557.63 u bil-korrezzjoni ta' cheque numru 5578.
Proponent: il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: il-Kunsilliera Miriam Schembri

67.3.4 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 66-2017 ġiet approvata unanimament.

**<u>67.4</u>** **<u>Attendenza f'laqghat relatati mal-Kunsill</u>**

67.4.1 Is-Sindku Darren Abela flimkien mal-Kunsilliera Rose Agius u Miriam Schembri attendew il-Laqgha Plenarja fejn gew diskussi fosthom suggetti bhal l-emendi fil-ligi dwar direct orders, is-sistema tal-LESA u metodi ġodda ta' dħul għall-kunsilli lokali.

67.4.2 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar Laqgha li attenda rigward Traffic Management Procedures fejn il-Kunsilli Lokali gew infurmati li ghandhom jibdew juzaw formoli godda biex kull applikazzjoni relatata ma approvazzjoni minn TM tigi ffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

67.4.3 Il-Kunsilliera Rose Agius tkellmet dwar Laqgha li attendiet rigward Manutenzjoni ta' Playing Fields fejn il-Kunsilli Lokali gew infurmati Ii iridu jiddentifikaw progetti zghar li jistghu jigu ffinanzjati minn SMEs jew kumpaniji kbar li ghandhom il-business fil-lokalita'. Il-Kunsill ippropona li tintalab ghajnuna sabiex isiru it-tabelli fi Triq il-Belt Valletta.

**67.5** **<u>Karnival 2017</u>**

67.5.1 Il-Kunsillier Keith Fenech fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn tkellem dwar il-*feature* li sar fuq TVM fejn qal li gie mistieden sabiex issir intervista rigward l-attivita' minn delettanti tal-Karnival. Is-Sindku Darren Abela qal li hu ukoll kien mistieden fi programmi ohra tkellem dwar l-attivita' u ssemma b'mod dirett il-Kunsill Lokali.

67.5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet dwar dak li ntqal fl-ahhar laqgha rigward il-possibilita' li l-Kunsill jaghti forma ta' incentiv lil kull min japplika li ha jaghmel karru tal-Karnival. Il-Kunsill qabel li dan l-incentiv ghandu jkun sa massimu ta' €100 u l-Kunsill ghandu jitlob ritratt ta' dan il-karru sabiex jigu vverifikati l-ircevuti tal-hlasijiet. Is-Sindku Darren Abela rringrazzja lil kull min ta l-opportunita' lill-Kunsill biex isiru dawn il-features kif ukoll irringrazzja lil V18 u lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali tal-ghajnuna finanzjarja li tawna.

67.5.3 Il-Kunsilliera Miriam Schembri qalet li tkellmet ma persuna li taghmel programm *Malta Arts* u stiednet lil Kunsill sabiex is-sena d-diehla jsiru xi feature fuq il-Karnival f'dan il-programm.

67.5.4 Is-Sindku Darren Abela qal li se jkellem persuna sabiex isir id-disinn tal-logo tal-Karnival sabiex jigu printjati l-bnadar u l-pavaljuni.

**67.6 Attivitajiet ta' Jum Hal Ghaxaq**

67.6.1 Is-Sindku Darren Abela fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn ppropona li bhala attivitajiet f'Jum Hal Ghaxaq ghandhom isiru:-
-Tournament tal-Bocci organizzat mill-Kunsill Lokali
-Tournament tan-Nursery organizzat mill-Kunsill Lokali
- Jitpogga Dental Clinic quddiem il-Berga (il-Hadd) + Nurses
- Isir il-Wirja ta' Karozzi Antiki fuq Santu Rokku
- Isir it-Tberik tal-Annimali
- Issir l-Attivita' tac-*Cheese and Wine*

67.6.2 Rigward l-attivita' tac-Cheese and Wine, il-Kunsillier Keith Fenech sostna li m'ghandux ikun hemm restrizzjonijiet fuq dak li jinbiegh mill-ghaqdiet, filwaqt li kull haga li se tigi organizzata ghandu jigi infurmat biha il-Kunsill.

67.6.3 Is-Sindku Darren Abela qal li t-talba tal-organizzatur hija li jkolli tliet stalls bl-ikel kif ukoll wahda bl-inbid. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' mal-kuntrattur biex jara x'inhi l-proposta.

**67.7 Bankini Triq Santa Marija, Triq iz-Zejtun, Triq il-Gudja u Triq San Filippu**

67.7.1 Is-Sindku Darren Abela qal li l-kwotazzjonijiet gew irrangati minhabba li kien hemm zball fil-kejl. Ghaldaqstant ix-xoghlijiet fuq Triq Santa Marija mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet tal-Gvern jistghu jibdew fis-17 ta' April 2017. Il-Kunsill qabel unanimament li se jkun qed ihallas 30% tal-ispejjez tax-xoghol tal-haddiema filwaqt li jinhareg tender ghall-materjal tal-bankini ta' Triq Santa Marija.

67.7.2 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo staqsa lis-Sindku ghaliex se ssir Triq San Filippu u mhux se ssir Triq l-1 ta' Jannar li tinsab fi stat hazin filwaqt li gibed l-attenzjoni li meta kienu qed isiru il-bdil tal-pajpijiet tal-WSC, kien hemm xi nuqqasijiet li ghandha tingibed l-attenzjoni dwarhom.

67.7.3 Il-Kunsilliera Rose Agius sostniet li jekk se jibdew il-bankini f'April, it-triq ghandha ssir ftit wara.

67.7.4 Il-Kunsillier Keith Fenech sostna li l-bankini ghandhom isiru skond il-ligi tal-KNPD u skond is-survey li kien sar.

67.7.5 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se jsir il-permess tal-bankini mat-Transport Malta.

**67.8 Korrispondenza**

67.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li inhareg it-Tender tal-Vann tal-Kunsill u ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jibghat il-vann li ghandu bil-hsara ghal-*iscrap*. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

67.8.2 Tressqet korrispondenza dwar kwotazzjoni sabiex issir l-applikazzjoni ghall-Fond Agrikolu Ewropew (Measure 4.3) Il-kwotazzjoni ta' €1150 (minghajr VAT) giet approvata.

67.8.3 Tressqet korrispondenza minghand il-Housing Authority rigward it-tkomplija ta' Skema 2, fejn giet approvata is-somma ta' €20,000 fis-sena biex jinqassmu bejn 4 blokki. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir laqgha mal-Housing Authority.

67.8.4 Il-Kunsill qabel li japplika ghall-korsijiet tal-Lifelong Learning.

67.8.5 Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill, il-pjanta bil-proposta dwar l-alignment fid-dahla ta' Vjal il-Labour. Is-Sindku Darren Abela qal li se jikkonferma xi tibdiliet zghar fil-pjanta.

**67.9 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

67.9.1 Is-Sindku Darren Abela qal li kellu laqgha rigward il-progett tal-Bandli fejn gie infurmat li mill-kumpanija Enemed se tinghata s-somma ta' €105,000. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ppropona li ssir talba biex jinghataw €70,000 fl-ewwel sena tal-progett u €35,000 sena wara. Il-Kunsill qabel li ssir it-talba.

67.9.2 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar enforcement mill-MEPA fuq il-hitan tal-gebel li l-Kunsill kien qieghed itella' u li tieghu rebah award mill-Wasteserv. Ghaldaqstant wara din l-enforcement, il-Kunsill se jkun qieghed jissospendi dan il-progett.

67.9.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba minghand il-grupp armar tal-Gimgha l-Kbira fejn talbu floodlight, Il-Kunsill qabel.

**67.10 Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera**

67.10.1 Hadd mill-Kunsilliera ma kellu mistoqsijiet.

**67.11 Tmiem tal-Laqgha u l-Aggornament tal-Laqgha li jmiss**

67.11.1 Il-laqgha tal-Kunsill li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 4 ta' April 2017 fil-5.30pm

Il-Laqgha ntemmet fit-8:20pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |